**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 26

**It-Tnejn, 5 t' Ottubru, 2020.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsilliera |
| Is-Sa Maria Mifsud ( MM) | Kunsilliera |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Baldacchino | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Sindku,  ippresjeda

## Minuti

## 26.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri tal-apoloġiji tal-Kunsillieri (JB) u (CS).  Madankollu, filwaqt li l-kunsilliera approvaw l-apoloġija tal-kunsillier (JB) minħabba raġunijiet ta' mard, m' approvawx l-apoloġija tal-kunsillier (CS).

## 26.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 25)

26.02.01  Waqt is-seduta ġew approvati l-minuti tas-seduta ta' qabel bin-numri (25). Għaldaqstant, inġibdet l-attenzjoni mil-kunsillier (SZ) fejn talab, sabiex f'paragrafu 25.08 tiżdied sentenza li tgħid: 'Kien hemm kunsilliera li kienu preżenti fl-uffiċċju, kif ukoll xi wħud li kienu onlajn'.  Il-proponent kien il-kunsillier (SZ), is-sekondat mill-kunsillier (DP).

## 26.03 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

26.03.01  (SE) ppreżentat il-kwotazzjonijiet tal-blinds (kemm għall-uffiċċju, kif ukoll għas-sala tal-komunità).  Il-membri għażlu l-orħos waħda mingħand Sunlock, għal valur ta' €2,068.00.

## 26.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.04.01  Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar il-laqgħa li kellu mas-Civil Protection, fejn dawn talbu sabiex ipartu art indikata (A) fuq dokument li ntbagħat lill-uffiċċju li tappartjeni lill-istess dipartiment, mal-art indikata (B) li tappartjeni lil Fondazzjoni AWAS.  Il-viċi staqsa jekk din l-art, il-kunsill għandux poter fuqa, filwaqt li s-Sindku stqarr li dik l-art taqa' taħt il-Malta Enterprise.  Il-kunsillier (SZ) talab għal aktar informazzjoni.  Għaldaqstant, (SE) għandha tibgħat emajl titlob aktar informazzjoni mingħand CPD.

26.04.02  Is-Sindku staqsa lis-(SE) dwar permess li wieħed talab lill-uffiċċju fir-rigward ta' tqegħid ta' struttura temporarja fuq il-Bajja s-Sabiħa.  (SE) fehmet ċar lil kunsill illi t-talba saret sabiex isir renewal fuq il-permess preċidenti li kien ingħata fuq deċiżjoni tal-Kunsill, lura fis-sena 2017.  Dan il-permess kien inħareġ fuq bażi li din l-istruttura trid tiżżarma f' nofs Ottubru, il-permess irrid jiġġedded, kif ukoll relatat ma' qisien partikolari.  Madankollu, l-applikant ħalla l-istruttura minn dak iż-żmien 'l hawn, reġgħa għamel ir-rikjesta lejn l-aħħar ta' Settembru, u kabar il-qisien.  Għaldaqstant, il-viċi talab għal laqgħa speċifika fuq dan il-permess. *

26.04.03  Is-Sindku tkellem fuq il-Perit responsabbli mill-proġett ta' Wied il-Buni, fejn indika it-tfarrik, ġebel u l-biċċa l-imkisra tas-sur.  Il-kunsillier (SZ) stqarr li saret iktar ħsara meta saret il-qoxra. Huwa kompla jgħid li, ikun jagħmel sens jekk jiftħu aktar il-fetħa tat-triq.  Madankollu, il-kunsillier (AC) ġibidlu l-attenzjoni li dan ma jistax isir minħabba li huwa bini storiku.  (AC) kompla jgħid li kien kiteb darbtejn lil dan l-istess Perit, fuq il-biċċa tal-ħajt l-imwaqqa', fuq il-kurduni kollha li qed jinqalgħu, fuq it-tabelli mdawrin, fuq il-ħajt mhux imberfel, u l-ħamrija

kollha ġebel. Is-Sindku staqsih fuq il-manutenzjoni tal-konok min ser ikun qiegħed jagħmlu. Il-kunsillier (MM) wieġbet li l-Awtorità tat-Trasport stess. Is-Sindku reġa' staqsa jekk bejn il-piċċ tal-boċċi u s-seaside, jekk hux ser isir. (AC) qal li ser issir bħala parti mill-proġett ta' Wied il-Buni.

26.04.04 Is-Sindku tkellem ukoll fuq permess ta' loading/ unloading fil-Qajjenza. Il-kunsillier (SZ) fiehem li l-Kunsill ma jieqafx mal-applikazzjoni, iżda jkompli bil-proċess mal-Awtorità tat-Trasport. Il-kunsillier (AC) fiehem illi issa TM qiegħda tbiddel il-policies tagħha, fejn jidħlu ħwienet li jbiegħu l-ħobż, l-affarijiet tad-dar u cluster ta' sitta. (SZ) saħaq fuq l-importanza li meta l-kunsill japprova loading/unloading, il-kaxxa trid tintuża għall-iskop tagħha.

26.04.05 Is-Sindku tkellem ukoll fuq tapira li qiegħda fi Triq Birżebbuġa, taħt ir-ridott ta' San Ġorġ, li qiegħed tagħmel ħafna storbju u skumdità. Huwa s-suġġerixxa li għandna nagħtu ultimatum lil Enemalta, imbagħad niksuha bil-konkos. Dan wara li l-uffiċċju illu jagħmel kuntatt mal-Enemalta u ma wasalx. (SE) ser tkun qiegħda ssegwi din it-talba.

26.04.06 Is-Sindku tkellem fuq il-problema ta' Tank Street. Dan minħabba l-ammont ta' ilma li qiegħed jidħol fid-djar tar-residenzi, wara li kienu saru xi xogħlijiet. Dan minħabba li kien hemm dolga taħt il-bankina li kienet toħroġ minn Tank Street u ddur għal ġo Triq Zaren Dalli, iżda din id-dolga għal raġuni jew oħra tneħħiet. Is-(SE) stqarret li din it-talba diġà tressqet għand Infrastructure Malta. Ir-risposta li ngħatajna kienet li ser issir meta l-kuntrattur ilesti mix-xogħol li qiegħed jagħmel fil-preżent.

26.04.07 Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-culverts ta' mas-Sea Breeze li jridu jitnaddfu wkoll. Il-kunsillier (MM) ser tkun qiegħda tavviċina lill-kuntrattur. Triq il-Port Ħieles, l-ilma li jiġi minn Wied il-Girgien, iridu jaqbdu fejn hu sejjer. F'dal jumejn hemm skedata laqgħa fuq dan l-aspett. Il-kunsillier (AC) spjega li l-problema li hemm fi Sqaq Kanon hija li xi residenti ma jridux iċedu, għaliex iridu jagħdu l-katusa mill-għalqa tan-nies. Il-kunsillier (SZ) stqarr li din il-problema ġejja, għaliex għollew Triq l-Immakulata. (AC) kompla jispjega li Triq 22 ta' Frar u Triq Mons. S. Penza, Infrastructure Malta kkonfermaw li ser ikunu qed jagħmluha huma, iżda wara żvelaw li hemm hekk ser tkun qiegħda tagħdi triq u għad irridu jsib sid il-għalqa min hu. IM wegħdu li ser ikunu qegħdin jagħmlu wkoll Triq il-Qroll. Fir-rigward ta' Triq ir-Raddiena, il-permess diġà ġie approvat minn TM, sabiex it-traffiku jinżel 'l isfel, madankollu tajjeb li nikkunsidraw li ndawru t-traffic diversion.

## 26.05 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

26.05.01 Il-kunsillier (JBD) talbet għal aġġornament fuq l-isleeping policeman, fil-Qajjenza. Il-Kunsillier (SZ) spjegala kif Transport Malta kienu ġew fuq il-post u għamlu kuntatt miegħu. Wara li dawn staqsewh jekk il-Kunsill jixtieqx tnejn, waħda 'l hawn u l-oħra 'l hemm, il-Kunsill baqa' ma semgħa xejn aktar. (SE) ġiet mitluba sabiex l-uffiċċju jibgħat reminder lil TM.

26.05.02 (JBD) issuġġerrit li ssir talba mal-MTA għal latrina fil-Qajjenza. (SE) ser tkun qiegħda tagħmel din it-talba lil MTA.

26.05.03 (JBD) tkellmet ukoll fuq il-bus stop ta' quddiem il-każin tan-Nazzjonalisti. (AC) qal li qalgħuh minħabba l-bini li għaddej fil-preżent. Is-Sindku stqarr li għas-saħħa u s-sigurtà, ikun aħjar li jinżamm maqlugħ.

26.05.04 (JBD) fakkret ukoll f' Jum Birżebbuġa, sabiex min ser ikun qiegħed jattendi b'mod speċjali l-quddies, jinforma lill-uffiċċju. Issuġġerit ukoll li l-uffiċċju għandu jinforma wkoll lill-għaqdiet. (SE) ser tkun qiegħda ssegwi dan.

26.05.05 (JBD) proponiet attività tal-Halloween għat-tfal tal-lokalità. Din l-attvità hija organizzata minn grupp ta' animators li joqogħdu jduru mat-toroq, fuq karozza tal-linja antika. Is-somma ta' din l-attività tlaħaq l-ammont ta' €2,300.00. Din l-attività ġiet approvata mill-kunsilliera (SZ), (DP), (MM), (JB) u s-Sindku.

26.05.06 Il-viċi sindku tkellem fuq it-tqegħid ta' gaġġa għal qabda tal-ħamiem, li normalment iqegħdu fuq il-bejt tal-Knisja Parrokjali. Madankollu (SE) stqarret li ser tkun qiegħda tibgħat emajl lid-dipartiment tal-ħarsien tal-annimali, sabiex tikkonferma jekk dan hux legali.

26.05.07 Il-viċi reġa' tkellem fuq id-deċiżjoni li kienet ittieħdet dwar it-tneħħija tal-ibins minn Triq il-Merżuq. (SE) fakkret li f' Lulju 2020, kienet bagħtet it-talba għat-tneħħija lil GreenPak, iżda sal-lum bqajna bla risposta. Il-viċi ssuġġerixxa li għandna nibgħatu emajl u nagħtu ultimatum sal-25 t' Ottubru, imbagħad nieħdu deċiżjoni x' ser inkunu qed nagħmlu bl-ibins.

26.05.08 Il-viċi staqsa lil kunsillier (SZ) fuq il-kameras mogħtija mir-Reġjun. (SZ) ikkonferma li żewġ kameras ser ikunu mowbajl, sistema waħda ser tkun fixed b' żewġ kameras fi Ġnien l-Indipendenza.

26.05.09 Il-viċi fakkar lil Kunsill, sabiex jintlaħaq ftehim fuq l-iskema tal-islow streets, filwaqt li ssuġġerixxa li l-kunċert Kwarta Tajba, imtella' mir-Reġjun isir fil-Bajja s-Sabiħa.

26.05.10 Il-kunsillier (AC) tkellem dwar is-servizz tat-trasport pubbliku, fejn talab lis-(SE) terġa tibgħat reminder.

26.05.11 (AC) xtaq li jressaq it-talba, sabiex il-Kunsill jippubblika tliet Bye-Laws, waħda għal Caravans, oħra għall-kampeġġ, u oħra għall-ipparkjar tal-muturi li jkun jista' jipparkja biss, f' kaxxa riservata għalih. Madankollu, inġibdet l-attenzjoni mill-kunsillier (SZ) illi l-pulizija ser ikunu qegħdin jiddiskuti l-Bye-Law kemm tal-caravans, kif ukoll tal-kampeġġ mal-lokalità ta' Marsaxlokk. Fil-preżent, il-pulizija diġà qed jiddraftjaw Bye-Law biex tkun tkopri liż-żewġ lokalitajiet.

26.05.12 (AC) staqsa lill-kunsillier (SZ) dwar it-tenders tal-fanali. (SZ) spjegalu li kien għamel kuntatt mal-persuna li ġiet issuġġerita lilna biex tippubblikalna t-tenders, iżda s'issa għad m'hemm xejn.

26.05.13 (AC) tkellem dwar arblu tad-dawl fil-Bajja s-Sabiħa li huwa ta' periklu li xi ħadd jaf jitla' miegħu. (SZ) spjega kif dik hija proċedura u li l-Kunsill ikun irrid iħallas sabiex jitneħħa l-arblu. (SZ) sostna li qabel ma l-uffiċċju jirrifondi l-flus li kienu saru miżmuma sakemm saret il-binja, trid tkun saret spezzjoni. Huwa kompla jgħid li għandna arblu ieħor fi Triq iż-Żurrieq, fi

Triq Santa Marija u ħdejn il-każin tal-labour tan-niesa. Għaldaqstant intlaħaq ftehim li għal-lanqas nibdew minn tal-Pjazza.

26.05.14 (AC) wera fuq l-iscreen tal-kamra, l-aħħar versjoni li provditlu l-Perita tal-Kunsill, fir-rigward ta' żieda tal-parkeġġ fi Triq iż-Żebbuġ. Il-kunsilliera kollha qablu ma' din il-proposta.

26.05.15 Il-kunsillier (MM) proponiet sabiex il-vettura tal-bejjiegħ tal-ġelat li hemm quddiem il-Bank, fil-Bajja s-Sabiħa, jibda jipparkja vertikali minflok orizzontali. Din it-talba ma ġietx milqugħa.

26.05.16 (MM) tkellmet ukoll fuq il-ħajt ta' Triq Għar Dalam, fejn hemm Triq Arturo Issel. Il-ħajt qiegħed fit-triq prinċipali, iżda hemm bżonn li jittranġa, għaliex qiegħed jiġi mbuzat il-barra, minħabba l-għeruq tax-xtieli. (SE) ser tkun qiegħda tressaq din it-talba lil TM.

26.05.17 (MM) tkellmet ukoll fuq il-ħaxix li kiber fuq ir-ramel, ħdejn il-grawnd, sabiex dan jiġi maqtugħ u jkun jidher qiesu turf. (SE) ser tkun qiegħda tressaq din ir-rikjesta lill-Awtorità tat-Turiżmu.

26.05.18 (MM) ġibdet l-attenzjoni li meta twaħħlu t-tabelli l-ġodda f' parti mill-Bajja s-Sabiħa, hemm tabella li ma tneħħietx. (SE) ser tkun qed tressaq din ir-rikjesta lil foreman.

26.05.19 (MM) tkellmet ukoll fuq il-ħmieġ li hemm fi Sqaq in-Noqra, fejn talbet sabiex jiġi mnaddaf mill-ħaddiema tal-komunità. (SE) ser tikkonferma mal-maniġer tal-kuntratti jekk dan l-isqaq hux fil-konformi tat-tender tal-knis. Sadattant kompliet tispjega kif f' dan l-isqaq kienu ġew tal-Cleansing Department u taw ftit tarmak.

26.05.20 Il-kunsillier (DP) reġgħet fakkret fl-immaniġjar tat-traffiku, fejn Triq Santa Marija kellha tiġi direzzjoni waħda.

26.05.21 (DP) xtaqet tikkonferma dwar seduta (21) fuq il-food animal dispensar, jekk hemmx xi aġġornament. Il-Viċi stqarr li tkellem mal-Ministeru tal-Ħarsien tal-Annimali, u għad m' hemm l-ebda risposta. (SZ) ressaq proposta fejn fiehem li din tista' ssir b' permezz ta' twaħħil ta' katusa tal-100, easy bend u għotjin titfa' l-ikel kemm ikollok bżonn.

26.05.22 (DP) reġgħet fakkret lis-(SE) jekk kellniex rispost minn xi entità li kienet kitbet, fir-rigward il-Bajja ddedikata għall-għum tal-klieb. (SE) ikkonfermat li l-uffiċċju ma rċieva xejn, u li ser terġa' tibgħat reminder.

26.05.23 (DP) resqet proposta sabiex, kif wieħed jara fit-toroq tabelli li jindikaw il-ħarsien tal-qanfud, hekk għandhom isiru tabelli għall-ħarsien tal-qtates. Għaldaqstant, din il-proposta ntlaħqet u sar qbiel li dawn għandhom jitwaħħlu fi Triq il-Qajjenza, faċċatta tal-għassa tal-pulizija, Triq il-Buni ma' Triq tal-Papa u qabel l-Assoċjazzjoni tal-animali abbandonati. Għaldaqstant, il-kunsillier għandha tibgħat l-artwork ta' dawn it-tabelli lill-uffiċċju.

26.05.24 (DP) tkellmet fuq skema li ħadmet fis-sajf, flimkien mal-viċi sindku, dwar l-ammont kbir ta' qtates li hawn jiġġerrew, ġewwa Birżebbuġa. Dan ir-riżulta li qatt ma kien hemm xi ħadd li ħadem sabiex, issiru santwarji tal-qtates. (SZ) issuġġerrixa li jsir ħdejn is-sur ta' Wied

il-Buni, in-naħa tal-parkeġġ, filwaqt li (JBD) issuġġerit ukoll fejn jipparkjaw id-dgħajjes ta’ San Ġorġ.

26.05.25 (DP) fakkret lil (SZ) li f’ seduta preċidenti, kienet tkellmet fuq il-park tal-klieb. (SZ) stqarr li s’issa għad m’għandniex risposta. Madankollu, ser ikun qiegħed jikkonferma mal-maniġer tal-kuntratt, sabiex jara jekk l-inġinier jistax jibgħatlu kopja tal-pjanti.

26.05.26 (DP) tkellmet fuq it-talba lit-telgħat fuq il-paġna tal-facebook, fejn residenta li tħobb titma l-qtates talbet, sabiex fil-parkeġġ il-ġdid tal-freeport, isir pajsaġġ biċ-ċangatura biex tkun tista’ tpoġġi struttura għall-kenn tal-qtates. (SE) ser tikkonferma ma’ min tista’ tressaq din il-proposta.

26.05.27 (DP) talbet ukoll sabiex meta fis-sajf jintrama l-ħabel taż-żona għall-għum fuq l-islipway ta’ San Ġorġ, jitħalla pajsaġġ li jinżel minn fuq ir-ramel. (SZ) għandu jibgħat l-isketch, sabiex titressaq din it-talba lil MTA, bil-lest għas-sena 2021.

26.05.28 (SE) resqet talba f’isem il-kunsillier (CS) li kien indispost, fuq talba li rċieva l-Kunsill dwar donazzjoni għall-manutenzjoni fuq il-basketball court. Din it-talba ma ntlaqitx mill-kunsilliera: (SZ), (MM), (JB), (AC), u (SC). Dan minħabba biża’ li wara d-donatur ikollu xi tip ta’ poter fuq il-basketball court. Madankollu, il-viċi sostna li l-Kunsill xorta għandu jikkonsidra u jagħmel dan il-manutenzjoni hu.

26.05.29 Il-kunsillier (SZ) tkellem fuq is-sitwazzjoni tal-kuntrattur tad-dawl. Il-kunsilliera kollha qablu li għandna mmorru għal direct order sa ma jasal it-tender il-ġdid min-naħa tar-Reġjun. Madankollu, (SE) ser tkun qed tressaq din it-talba lid-dipartiment, sabiex forsi japprova l-estenzjoni tal-kuntrattur tal-emerġenza.

26.05.30 (SZ) informa li l-kumitati tal-Kunsill – Maniġjar tat-Traffiku, Infurzar u Sigurtà, kif ukoll il-kumitat tar-Rinovar, Misraħ il-Knisja, ġew iffurmati.

| | |
|---|---|
| Ħatra Kumitat tal-Kunsill – Immaniġjar tat-Traffiku, Infurzar u Sigurtà | Stanley Zammit - Kunsillier Responsabbli u Chairman |
| | Community Police |
| | Anthony Roberts |
| | Marie Roberts |
| | Radovan Ruzicic |
| | Jennifer Grech Marguerat |
| | Edwin Ebeyer |
| | Anthony Esposito |
| | Joseph Grech |
| Ħatra Kumitat tal-Kunsill - Rinovar Misraħ il-Knisja | Stanley Zammit u Alex Caruana - Kunsilliera nkarigati |
| | Community Police |
| | Jason Vella |
| | Perit Michael Schembri |
| | Ivan Zammit |
| | Mohamed Elaida |

26.05.31 (SZ) ressaq it-talba, sabiex is-central strip ta' Triq San Fillipu, titnaddaf, jittranġaw il-bankijiet u l-ħamrija tinkesa bil-konkos. (SE) ser tressaq din it-talba lil foreman.

26.05.32 (SZ) tkellem ukoll fuq it-tabelli tal-parkeġġ tad-dgħajjes u kif il-ħinijiet ma jaqblux mal-ħinijiet indikati fil-kuntratt. Intlaħaq ftehim li ser inkunu qegħdin nimxu mal-ħinijiet kif indikati fuq it-tabelli u mhux ma dawk stipulati fil-kuntratt. Huwa kompla jgħid li l-Għaqda qed tissuġġerixxi li jagħmlu katina, sabiex jidħlu biss il-membri tagħhom u jieħdu ħsieba huma. (AC) qabel, fuq kundizzjoni li meta jkun il-waqt dawn irridu jneħħu l-katina minn posta.

26.05.33 Qabel mas-seduta ntemmet, is-Segretarju Eżekuttiv talbet għall-approvazzjoni tal-kunsilliera, fuq l-intervista li kellha ftit qabel ma' applikanta għal skrivana fl-uffiċċju u li ġiet kwalifikata mill-punti tal-intervista. Il-kunsilliera kollha qablu mal-ingaġġ ta' Sa Elisa Libreri.

## 26.06 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.06.01 Il-laqgħa aġġornat fid-disgħa u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 26 t' Ottubru, fis-sitta ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

*****_sakemm inkitbu dawn il-minuti, is-Sindku kien approva dan il-permess fuq l-aħħar talba tal-applikant_